



Ombudsman Ewropew

Ir-Rapport Annwali tal-2016





Ombudsman Ewropew

Ir-Rapport Annwali
tal-2016

Werrej

Introduzzjoni	4
1 Daqqa t'għajn lejn l-2016	6
2 Suġġetti ewlenin	7
2.1 Trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE	7
2.2 It-trasparenza fil-lobbjar	9
2.3 Trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi u finanzjarji	10
2.4 Aċċess għal dokumenti tal-UE	12
2.5 Kwistjonijiet etiċi	13
2.6 L-aġenziji tal-UE u korpi oħra	15
2.7 Il-kuntratti u l-għotjiet tal-UE	16
2.8 Sfidi futuri	17
3 Premju għal Amministrazzjoni Tajba	19
4 Komunikazzjonijiet	20
5 Ir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-UE	22
5.1 Il-Parlament Ewropew	22
5.2 Kumitat għall-Petizzjonijiet	22
5.3 Il-Kummissjoni Ewropea	23
5.4 Istituzzjonijiet, aġenziji u organizzazzjonijiet oħrajn	24
5.5 Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità	24
6 In-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen	26
7 Il-ġestjoni tal-każijiet ta' kuljum	30
8 Tip u sors ta' lmenti	31
8.1 Ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti u l-inkjesti strateġiċi	31
8.2 Ilmenti barra mill-mandat tal-Ombudsman	34
9 Kontra min?	36
10 Dwar xiex?	37
11 Riżultati miksuba	38
12 Konformità mal-proposti tal-Ombudsman	41
13 Riżorsi	42
13.1 Baġit	42
13.2 Użu tar-riżorsi	43
Kif tikkuntattja lill-Ombudsman Ewropew	44



Introduzzjoni



Emily O'Reilly, l-Ombudsman Ewropew

Huwa l-pjaċir tiegħi li nippreżenta r-Rapport Annwali tagħna għall-2016.

Kienet sena turbulenti għall-Unjoni Ewropea (UE) u l-isfidi se jkomplu. Il-kriżi tal-qgħad, il-kriżi kontinwa tal-migrazzjoni, d-deċiżjoni tar-Renju Unit li toħroġ mill-Unjoni, u t-tħassib dwar l-impatt tal-amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti fuq l-Ewropa jġiegħluna lkoll naħdmu iktar bis-saħħa biex nagħmlu l-istituzzjonijiet Ewropej kemm jista' jkun sensitivi u solidali lejn iċ-ċittadini li nservu.

Din is-sena reġgħet uriet kif ix-xogħol ta' ombudsman jista' jħalli effett pożittiv tul iż-żmien fuq il-kwalità tal-amministrazzjoni tal-UE, f'konformità mal-istrateġija tiegħi li nżid l-impatt, ir-rilevanza u l-viżibbiltà ta' dan l-uffiċċju.

Permezz ta' inkjesti strateġiċi proattivi, l-uffiċċju tiegħi kien f'pożizzjoni li jgħin biex jiżded l-istandard tat-trasparenza u dak amministrattiv li kienu diġà għoljin tal-korpi pubbliċi tal-UE. Aħna ħdimna mal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew dwar ir-rieżami tal-gruppi tal-esperti li jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar il-politika. Aħna trattajna mal-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude Juncker dwar l-etika tal-eks-Kummissarji, u mal-President tal-Grupp tal-Euro, Jeroen Dijsselbloem dwar it-trasparenza tal-Grupp tal-Euro. Aħna għamilna wkoll rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-awtorizzazzjoni tal-pestiċidji u lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament dwar kif tista' tittejjeb it-trasparenza tat-trilogi.

Fl-aħħar tas-sena, nedejna l-Premju għal Amministrazzjoni Tajba biex nirrikonoxxu l-eċċellenza fl-amministrazzjoni pubblika tal-UE u x-xogħol iddedikat ta' ħafna impjegati taċ-ċivil Ewropej li qed jaħdmu biex itejbu ħajjet iċ-ċittadini Ewropej.

Ix-xogħol prinċipali tiegħi jibqa' li ngħin lill-individwi meta jiltaqgħu ma' problemi bl-amministrazzjoni pubblika tal-UE u t-tħassib tagħhom jiffurma l-maġġoranza kbira tal-mijiet ta' lmenti li nindirizzaw kull sena.

Fl-2016, aħna organizzajna wkoll il-konferenza tan-Netzwerk Ewropew tal-Ombudsmen fi Brussell, li bniet fuq il-kooperazzjoni tagħna li kellha suċċess inkluż il-migrazzjoni, il-lobbjar favur it-trasparenza u l-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha wkoll li taħdem b'mod iktar effettiv man-Netzwerk.

Jiena nħares 'il quddiem lejn sena mimlija sfidi u li naħdem mal-amministrazzjoni tal-UE biex tgħin ħalli jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi li jaffaċċjaw iċ-ċittadini tal-UE. B'mod partikolari, inħares 'il quddiem biex inkompli l-impenn eċċellenti u kollaborattiv tiegħi mal-Parlament Ewropew. L-appoġġ tiegħu kien, u jibqa' jkun, vitali biex naqdi l-mandat tiegħi b'mod effettiv għan-nom taċ-ċittadini li nservu b'mod konġunt.



Emily O'Reilly



Kapitolu 1

Daqqa t'għajn lejn l-2016

Is-sena 2016 kienet sena mimlija avvenimenti. Hawnhekk hawn xi wħud mill-punti ewlenin:

2016





L-Ombudsman Ewropew tgħin liċ-ċittadini meta jkollhom xi kwistjoni mal-istutuzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE. Problemi li jinqalgħu jvarjaw minn kwistjonijiet kuntrattwali sa ksur tad-drittijiet fundamentali sa nuqqas ta' trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet jew rifjut għal aċċess ta' dokumenti. FI-2016, l-investigazzjonijiet relatati mat-trasparenza reġgħu ammontaw għall-ikbar proporzjon ta' każijiet.

2.1 Trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE

F'Lulju, l-Ombudsman [ippubblikat](#) proposti biex isiru trilogi — negozjati informali dwar il-proposti leġiżlattivi tal-UE bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE fil-preżenza tal-Kummissjoni — iktar trasparenti. Dawn inkludew li jsiru disponibbli d-dati tal-laqgħat tat-trilogi u l-aġendi fil-qosor; il-pożizzjonijiet taż-żewġ koleġiżlaturi dwar il-proposta tal-Kummissjoni; u l-ismijiet ta' min jieħu d-deċiżjonijiet li jattendu għal-laqgħat tat-trilogi. Hi rrakkomandat li d-dokumenti li jżommu rendikont tal-istadji ewlenin tal-proċess jenħtieġ li jiġu ppubblikati mill-iktar fis wara li jintemmu n-negozjati. L-Ombudsman spezzjonat il-fajls tat-trilogi ta' żewġ liġijiet tal-UE (id-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju u r-Regolament dwar il-Provi Kliniċi) u għamlet konsultazzjoni pubblika, u rċeviet 51 tweġiba inkluż ħamsa mill-parlamenti nazzjonali. F'Diċembru l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni rrispondew għall-proposti tal-Ombudsman,, u qablu b'mod ġenerali mal-argumenti tal-Ombudsman favur iktar trasparenza. Fit-tweġibiet, l-istituzzjonijiet jissottolinjaw is-segwitu inizjali tagħhom, li jinkludi diskussjonijiet bejniethom dwar l-implimentazzjoni tal-proposti. [#1](#)

F'Mejju, l-Ombudsman fetħet [investigazzjoni strateġika](#) dwar kif il-Kummissjoni Ewropea tagħmel il-valutazzjonijiet dwar il-kunflitt ta' interess għall-konsulenti speċjali tagħha. Dawn il-konsulenti jipprovdu input espert fuq talba direttament lill-Kummissarji. L-għan tal-investigazzjoni, miftuħa wara lmenti individwali, huwa li tiżgura li r-regoli huma robusti biżżejjed biex tiġi evitata influwenza mhux xierqa fuq it-tfassil tal-politika. F'ittra lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker, l-Ombudsman issuġġeriet li kemm il-mandat



#1



**LSE EUROPP
blog**

How transparency can be improved in the way EU laws are negotiated and agreed bit.ly/2b2D6qK



Kif tista' tittejjeb it-trasparenza fin-negozjar tal-liġijiet tal-UE u l-ilħiq ta' ftehim dwarhom.



#2



Nick Beake

[@EUombudsman](#) now started wider inquiry into appointment process for special advisers. (Often work for private sector clients as well as EU).

L-Ombudsman Ewropew issa bdiet investigazzjoni iktar wiesgħa dwar il-ħatra ta' konsulenti speċjali (li ħafna drabi jaħdmu għal klijenti fis-settur privat u l-UE).

Fl-2015 u l-2016, il-persuni li jiġġestixxu l-każijiet tal-Ombudsman spezzjonaw il-fajls li jikkonċernaw il-konsulenti speċjali.

tal-konsulent kif ukoll l-attivitajiet barranin tiegħu, ikunu ċari qabel ma jinħatar il-konsulent u li l-valutazzjoni tal-kunflitt ta' interess tiġi aġġornata jekk l-attività barranija tagħhom tinbidel. [#2](#)

Fl-2015 u l-2016, il-persuni li jiġġestixxu l-każijiet tal-Ombudsman spezzjonaw il-fajls li jikkonċernaw il-konsulenti speċjali. Ir-rapport tal-ispezzjoni wera titjib sinifikanti f'ċerti oqsma fl-2016, fatt rikonoxxut f'ittra mill-Ombudsman lill-President Juncker. Fl-2017, l-Ombudsman se tkompli tiffoka fuq aktar titjib possibbli fl-oqsma li ġejjin: kif tiġi organizzata l-proċedura biex jiġu maħtura l-konsulenti speċjali; il-valutazzjoni tal-kunflitt ta' interess mill-Kummissjoni qabel il-ħatra; l-obbligu li jiġu ddikjarati attivitajiet ġodda wara l-ħatra; u l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti u l-informazzjoni.

Il-programm pilota tal-Kummissjoni, skont liema hija tfittex li tiżgura li l-Istati Membri japplikaw il-liġijiet tal-UE b'mod xieraq mingħajr ma jirrikorru għal proċedura ta' ksur, huwa s-suġġett ta' [investigazzjoni strateġika](#) li bdiet f'Mejju. L-Ombudsman iddeċidiet li tħares lejn il-proċess wara li investigat numru ta' lmenti. L-Ombudsman staqsiet lill-Kummissjoni dwar kif taħdem il-proċedura, inkluż ir-raġunijiet għad-dewmien; kif tikkomunika mal-ilmentaturi dwar il-ftuħ u l-għeluq ta' proċedura pilota u x'taġhmel il-Kummissjoni meta Stat Membru, b'mod ripetut, idum biex iwieġeb jew ma jagħtix biżżejjed informazzjoni. Lejn l-aħħar tal-2016, l-Ombudsman għamlet iktar spezzjoni ta' fajls biex ikollha idea usa' dwar kif il-proċedura taħdem fil-prattika. L-investigazzjoni tkompli fl-2017.


[Każ](#) partikolari li juri l-importanza ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'mod trasparenti, ikkonċerna l-proċess biex jiġu awtorizzati l-pestiċidi għas-suq Ewropew. B'mod speċifiku, dan ikkonċerna l-prattika tal-Kummissjoni biex tapprova l-użu sigur ta' sustanza attiva qabel ma tikseb id-*data* neċessarja kollha biex tappoġġja dik id-deċiżjoni (magħrufa bħala l-proċedura ta' *data* konfermatorja). L-Ombudsman talbet lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura fl-2018 u turi li l-proċedura qed tintuża b'mod ristrett, li hemm sorveljanza mtejbja tal-użu tal-pestiċidi mill-Istati Membri, u li l-valutazzjonijiet li baqa' tal-għaxar sustanzi enfasizzati mill-ilmentatur ikunu saru. [g+ #1](#)

[Każ](#) ieħor ikkonċerna d-dewmien mill-Kummissjoni fl-awtorizzazzjoni ta' 20 applikazzjoni għal ikel u għalf ġenetikament modifikati. Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ttratta l-20 applikazzjoni inkwistjoni. Madankollu, l-Ombudsman ikkonkludiet li d-dewmien ma kienx iġġustifikat u ssuġġeriet li jekk il-Kummissjoni kkunsidrat l-għażla taż-żmien għat-teħid ta' deċiżjoni fir-rigward ta' ikel u għalf ġenetikament modifikati bħala inadegwata, hija jenħteġ li tittratta l-kwistjoni fir-rieżami tagħha dwar kif jittieħdu tali deċiżjonijiet.

#1 L-Ombudsman Ewropew

[Stqarrija għall-Istampa]
L-Ombudsman tgħid lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura dwar l-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi
L-investigazzjoni tal-Ombudsman Ewropew dwar l-approvazzjoni tal-pestiċidi mill-Kummissjoni Ewropea tenfasizza t-tħassib dwar **il-prattika tal-Kummissjoni għall-approvazzjoni tal-użu sikur ta' sustanza attiva** qabel ma tirċievi d-*data* kollha meħtieġa li tappoġġja dik id-deċiżjoni. L-Ombudsman analizzat il-prattika tal-Kummissjoni biex tapprova s-sustanzi waqt li fl-istess ħin titlob *data* li tikonferma s-sigurtà tagħhom. Wara l-analiżi tagħha, u **fid-dawl tal-importanza tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent fl-UE**, l-Ombudsman għamlet **diversi proposti biex tittejjeb is-sistema tal-Kummissjoni għall-approvazzjoni tal-pestiċidi.**

2.2 It-trasparenza fil-lobbjar

L-Ombudsman investigat ukoll it-trasparenza tal-lobbjar tal-UE u l-materji relatati. Il-bilanċ tal-interessi rappreżentat fil-mijiet ta' gruppi ta' esperti li jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar il-politika u l-leġiżlazzjoni sar investigazzjoni strateġika kbira. Kmieni fl-2016, l-Ombudsman talbet lill-Kummissjoni biex tiegħu serje ta' passi favur it-trasparenza fil-grupp ta' esperti, inkluża l-pubblikazzjoni ta' minuti komprensivi tal-laqgħat tagħhom. F'din il-kwistjoni, il-Parlament kien attiv ħafna wkoll. F'Mejju, il-Kummissjoni wiegħbet li hija kellha l-ħsieb li tagħmel diversi bidliet fis-sistema, inkluża l-pubblikazzjoni tal-aġendi u l-minuti sinifikanti; it-titjib tal-ġestjoni tal-kunflitt ta' interess fir-rigward ta' individwi maħtura fil-kapaċità personali tagħhom; u li s-sħubija fil-grupp ta' esperti tkun marbuta mal-obbligu li wieħed ikun fuq ir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE. Fl-2017, l-Ombudsman se tispezzjona l-minuti tal-laqgħat u dokumenti rilevanti oħra, qabel ma tasal għall-konklużjonijiet finali tagħha dwar it-tweġiba tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tagħha.  #3

Wara li ħeġġet lill-Parlament, il-Kummissjoni rrevediet ir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE fl-2016. L-Ombudsman *kitbet* lill-President Juncker b'suġġerimenti għal titjib fir-Reġistru billi dan isir hub ċentrali tat-trasparenza għall-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-UE. Hija appellat ukoll li jkun hemm trasparenza sħiħa fl-iffinanzjar għall-gruppi ta' lobbjar kollha, titjib fl-eżattezza tad-*data* u monitoraġġ iktar strett. Hija appellat ukoll għal ftehim interistituzzjonali finali dwar ir-Reġistru biex jagħmel referenza għad-dritt tal-ilment mal-Ombudsman. Issa, ir-Reġistru rivedut qed jiġi nnegożjat bejn il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill.  #4

Filwaqt li rrikonoxxiet li l-uffiċjali f'istituzzjonijiet pubbliċi fil-livell tal-UE u nazzjonali jistgħu jilqgħu l-pariri dwar kif jevitaw influwenza irregolari minn gruppi ta' interess, l-Ombudsman fasslet xi *linji gwida prattiċi*. Il-lista ta' dak li wieħed għandu jew m'għandux jagħmel ġiet ippubblikata f'forma ta' abbozz fl-aħħar tas-sena b'sejħa għal feedback pubbliku. Il-parir lill-uffiċjali inkluda r-rappurtar minnhom ta' prattiki ta' lobbjar inaċċettabbli u li ma jagħmlux laqgħat barra mill-ħinijiet tal-uffiċċju, apparti minn dawk fil-bini uffiċjali, jew mingħajr il-preżenza ta' kollega ieħor.

F'*deċiżjoni* lejn l-aħħar tal-2016, l-Ombudsman innotat id-diżapprovazzjoni qawwija tagħha tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni rigward it-trasparenza tal-laqgħat tagħha mal-lobbisti tat-tabakk. Fil-Ħarifa tal-2015, l-Ombudsman kienet talbet lill-Kummissjoni biex b'mod proattiv tippubblika online il-laqgħat kollha mal-lobbisti tat-tabakk, jew mar-rappreżentanti legali tagħhom, kif ukoll il-minuti ta' dawk il-laqgħat, biex l-istituzzjoni tinġieb konformi mal-obbligi



#3



Frans Timmermans

Another step forward in changing the way 'Brussels' works. New expert group rules adopted: http://europa.eu/rapid/press-release_IP-16-1923_en.htm ...

L-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Frans Timmermans jgħid: Pass ieħor 'il quddiem biex jinbidel il-mod li bih jaħdem "Brussell". Regoli ġodda adottati għall-grupp ta' esperti.



#4



Erik Wesselius

How to improve the EU #TransparencyRegister? @EUombudsman makes some pertinent suggestions. <http://www.ombudsman.europa.eu/en/resources/otherdocument.faces/en/67708/html.bookmark> ...




L-Ombudsman Ewropew tagħmel xi suġġerimenti pertinenti dwar kif għandu jittejjeb ir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE.

F'*deċiżjoni* lejn l-aħħar tal-2016, l-Ombudsman innotat id-diżapprovazzjoni qawwija tagħha tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni rigward it-trasparenza tal-laqgħat tagħha mal-lobbisti tat-tabakk.

 #5  **Vera da Costa e Silva**

Congratulations European Ombudsman. Compliance with the WHO FCTC is essential. [@FCTCOfficial](#)

Vera da Costa e Silva, Kap tas-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC) tad-WHO tgħid: Prosit lill-Ombudsman Ewropew! Il-konformità mal-FCTC tad-WHO hija essenzjali.

tagħha skont il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC). Il-prattika rrakkomandata mill-Ombudsman diġà kienet qed tiġi segwita mid-Direttorat-Ġenerali (DĠ) għas-Saħħa tal-Kummissjoni. Kmieni fl-2016, il-Kummissjoni rrispondiet li hija kienet temmen li diġà kienet konformi mal-FCTC u li ma kellhiex għalfejn tadotta l-prattika tad-DĠ Saħħa. L-Ombudsman għalqet il-każ b'sejba ta' amministrazzjoni ħażina, u nnotat li l-Kummissjoni ma kienet ipprovdiet l-ebda raġuni tajba biex tirrifjuta li tiegħu l-passi proposti mill-uffiċċju tagħha.  #5

L-avveniment tal-Ombudsman Ewropew dwar it-trasparenza fil-lobbjar dwar it-tabakk.




 #1 **Storify**



Titjib fit-trasparenza fil-lobbjar dwar it-tabakk

Fis-27 ta' April, l-Ombudsman organizzat avveniment dwar kif l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jkunu konformi mal-obbligi ta' trasparenza tagħhom skont ir-regoli u l-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tan-NU li jirregolaw il-lobbjar dwar it-tabakk.

Kif titjeb it-trasparenza fil-lobbjar tat-tabakk kienet it-tema [tal-avveniment strateġiku tal-rebbiegħa](#) tal-Ombudsman. Fost il-kelliema tas-seminar kien hemm il-Kummissarju tal-UE għas-Saħħa, ir-rappreżentant tad-WHO għall-UE; u s-soċjetà ċivili. L-avveniment eżamina kif id-DĠ Saħħa jimplementa l-FCTC u ddiskuta l-importanza tal-Kummissjoni kollha li timplementa l-istess miżuri. L-Ombudsman appellat lill-istituzzjonijiet tal-UE kollha biex jimplementaw il-Konvenzjoni b'mod sħiħ skont il-linji gwida tagħha.  #1

2.3 Trasparenza fit-teħid ta' deċżjonijiet ekonomiċi u finanzjarji

It-teħid ta' deċżjonijiet dwar materji ekonomiċi u finanzjarji huwa ta' interess pubbliku sinifikanti. L-uffiċċju tal-Ombudsman ittratta lmenti individwali f'dan il-qasam u xi drabi l-Ombudsman tikkunsidra wkoll li jkun iktar utli li jiġu indikati kwistjonijiet ta' tħassib jew titlob iktar informazzjoni bħala parti minn "inizjattiva strateġika". Hija [faħħret](#) lil Jeroen Dijsselbloem, President tal-Grupp tal-Euro, għall-miżuri proattivi tiegħu biex il-korp isir iktar trasparenti — bħal pereżempju billi jippubblika

aġenda ddettaljata u ittra ta' sinthezi tal-laqgħat tiegħu — u talbet iktar kjarifiki dwar il-proposti tiegħu. Is-Sur Dijsselbloem [irrisponda](#) li minn mindu ġie introdott ir-reġim ta' trasparenza, il-Grupp tal-Euro għamel numru ta' dokumenti disponibbli, inkluż materjal użat biex jiġu ppreparati d-diskussjonijiet tal-Grupp tal-Euro. Is-Sur Dijsselbloem [qal](#) ukoll, li l-korp impenja ruħu biex iżid it-trasparenza tad-deliberazzjonijiet politiċi tiegħu u li l-punti mqajma mill-Ombudsman jikkontribwixxu għar-riflessjonijiet ulterjuri tiegħu.

Ir-rappreżentanti tal-uffiċċju tal-Ombudsman iltaqgħu ma' Danièle Nouy, President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), biex jiddiskutu t-trasparenza tal-Proċess ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni Superviżorji (SREP) — li bih huma vvalutati l-banek taż-Żona tal-Euro skont is-saħħa finanzjarja tajba tagħhom. L-Ombudsman segwit b'[ittra](#) lis-Sinjorina Nouy, fejn innotat li l-BĊE x'aktarx kien qed jantiċipa — jekk mhux diġà kien qed jesperjenza — numru dejjem ikbar ta' talbiet għall-aċċess tad-dokumenti mill-pubbliku fiż-żona tas-superviżjoni bankarja. L-Ombudsman issuġġeriet li l-BĊE jista' jeżamina l-iskop tiegħu li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku partijiet mill-manwal għas-superviżjoni tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. Barra minn hekk, l-Ombudsman issuġġeriet li l-ittri individwali tal-SREP li jinħarġu għal entitajiet sorveljati jistgħu jkunu ppubblikati wara li jkun għadda biżżejjed żmien. Is-Sinjorina Nouy [irrispondiet](#) li l-ittra tal-Ombudsman tkun kondiviża mal-Bord Superviżorju u enfasizzat li fir-rigward tal-SREP, il-Bank, minbarra li jippubblika ktejjeb li jiddeskrivi l-metodoloġija tal-SSM SREP, kien organizza wkoll workshops iddedikati mal-industrija bankarja. [#6](#) [#7](#)

Fi Frar, l-Ombudsman [issuġġeriet](#) lill-President tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) Werner Hoyer li l-minuti tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi kemm għall-BEI kif ukoll għall-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) jiġu ppubblikati b'mod proattiv. Fi tweġiba milqugħa mill-Ombudsman, il-President Hoyer innota li l-bank kien qabel li jieħu dawn il-miżuri favur it-trasparenza. Il-BEI, kif mitlub mill-Ombudsman, ippubblika wkoll il-ftehim tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) iffirmat mill-BEI u l-Kummissjoni fuq is-sit web tiegħu. Barra minn hekk, il-BEI qiegħed jaġġorna b'mod progressiv ir-reġistru pubbliku tiegħu — bażi ta' *data* elettronika marbuta mal-proġetti li jifinanzja l-bank — billi jippubblika iktar informazzjoni relatata ma' kwistjonijiet ambjentali u soċjali.

Aktar tard matul is-sena, l-Ombudsman issuġġeriet li l-BEI jibdel ir-regoli etiċi interni tiegħu biex il-membri tal-Bord tad-Diretturi tiegħu jkunu meħtieġa jitolbu awtorizzazzjoni mill-Kumitat tal-Etika u l-Konformità qabel jassumu attività ġdida. Hija investigat ukoll dwar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-BEI għall-membri tal-Bord, u nnotat li dan ma jipprevidix l-obbligu li jiddikjaraw interess



#6



Gide Brussels

Letter from the European Ombudsman to the ECB on the Supervisory Review and Evaluation Process <http://www.ombudsman.europa.eu/resources/otherdocument.faces/en/71844/html.bookmark> ... via [@EUombudsman](#)

Ittra mill-Ombudsman Ewropew lill-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-Proċess ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni Superviżorji.



#7



Bruno Nicostrate

Very good recommendation!

Rakkomandazzjoni tajba ħafna!

Il-BEI, kif mitlub mill-Ombudsman, ippubblika wkoll il-ftehim tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) iffirmat mill-BEI u l-Kummissjoni fuq is-sit web tiegħu.

jew jiddivulgaw interess finanzjarju, kif inhi l-prattika għal istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra.

F'[ittra](#) lill-President Juncker, l-Ombudsman staqsiet dwar ir-reġim għall-pubblikazzjoni ta' dokumenti relatati max-xogħol tal-Bord Fiskali Ewropew, korp ġdid stabbilit biex jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar materji fiskali. Il-Kummissjoni [wieġbet](#) li d-dokumenti tal-Bord ikunu soġġetti għar-regoli tal-UE dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti (Regolament (KE) Nru 1049/2001).

2.4 Aċċess għal dokumenti tal-UE

Kull sena, l-Ombudsman tirċievi ħafna lmenti minn individwi jew organizzazzjonijiet dwar in-nuqqas tal-amministrazzjoni tal-UE li tipprovdi aċċess pubbliku għad-dokumenti. F'dawn il-każijiet, l-Ombudsman tistenna li tara jekk l-istituzzjoni hijiex ġustifikata meta ma tirrilaxx id-dokument. Jekk l-Ombudsman tara li mhijiex ġustifikata, hija tfittex ir-rilaxx tad-dokument mitlub.

Eżempju ta' [każ](#) bħal dan ikkonċerna talba għal aċċess pubbliku għall-opinjoni li jivvalutaw l-idoneità ta' kandidati biex ikunu Mħallfin u Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali tal-UE. Il-Kunsill irrifjuta l-aċċess għall-opinjoni — imfassla minn grupp ta' esperti — billi argumenta li r-regoli tal-UE dwar l-aċċess għad-dokumenti (Regolament (KE) Nru 1049/2001) ma kinix japplikaw f'dan il-każ.

Wara l-intervent tal-Ombudsman, il-Kunsill ħabbar li kien iddeċieda li japplika r-Regolament (KE) Nru 1049/2001. L-Ombudsman laqgħet il-bidla fil-politika tal-Kunsill, u nnotat li dan il-każ qajjem il-kwistjoni importanti ta' kif jinstab il-bilanċ tajjeb bejn il-ħtieġa li tiġi mħarsa *d-data* personali ta' dawk li qed jiġu vvalutati għal uffiċċju pubbliku għoli mal-ħtieġa li tiġi żgurata l-akbar trasparenza fil-proċess tal-ħatra. Hija nnotat li f'tali każijiet, ġeneralment il-bilanċ jenħteġ li jkun favur ta' iktar ftuħ. L-Ombudsman ħeġġet lill-Kunsill biex kwalunkwe talba futura għal aċċess pubbliku għal dokumenti bħal dawn tiġi indirizzata b'dan l-approċċ.

L-Ombudsman ħeġġet lill-Kunsill biex kwalunkwe talba futura għal aċċess pubbliku għal dokumenti bħal dawn tiġi indirizzata b'dan l-approċċ.

[Każ](#) ieħor kien jikkonċerna r-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess pubbliku għad-dokumenti relatati mal-investigazzjoni tagħha ta' konsenja allegatament illegali ta' tonn ħaj lejn Malta. Il-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman li jingħata aċċess għad-dokumenti li kienet fasslet il-Kummissjoni. Filwaqt li matul l-investigazzjoni rrifjutat li tiddivulga dawk id-dokumenti li Malta bagħtet lill-Kummissjoni, iktar tard hija ħadet deċiżjoni li ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman li tirrilaxxa d-dokumenti



L-Ombudsman Ewropew fil-preżentazzjoni tar-rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-Rapport Annwali 2015 tal-Ombudsman Ewropew.

mibgħuta minn Malta. Issa Malta ħadet lill-Kummissjoni l-qorti tal-UE biex tipprova twaqqaf lill-Kummissjoni milli tirrilaxxa d-dokumenti.

F'[każ](#) li jirrigwarda s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), l-ilmentatur, NGO Żvediża, ried aċċess għall-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u Kuba. Is-SEAE rrifjuta, u argumenta li f'dak l-istadju, il-Ftehim kien għadu proviżorju. L-ilmentatur irrikorra għand l-Ombudsman, u nnota li l-Ftehim kien diġà nbeda. Fil-kors tal-investigazzjoni, is-SEAE rrilaxxa d-dokument wara li l-Kummissjoni kienet adottat il-Ftehim.

Xi drabi, l-istituzzjonijiet bidlu l-approċċ tagħhom lejn talba partikolari għal aċċess għal dokument. Dan kien il-[każ](#) f'[ilment](#) dwar ir-rifjut tal-Kummissjoni biex tagħti aċċess pubbliku għad-dokumenti li jikkonċernaw is-sorveljanza tal-Internet mis-servizzi tal-intelliġenza tar-Renju Unit. Wara l-intervent tal-Ombudsman, il-Kummissjoni ddivulgat dokument wieħed, ittra mis-Segretarju għall-Affarijiet Barranin tar-Renju Unit, iżda mhux żewġ ittri mill-Viċi President tal-Kummissjoni. Dan wassal lill-Ombudsman biex issib amministrazzjoni ħażina. Madankollu, f'Ottubru 2016, sena wara d-deċiżjoni tal-Ombudsman, il-Kummissjoni rrilaxxat id-dokumenti kkonċernati.

2.5 Kwistjonijiet etiċi

B'paragon, l-amministrazzjoni tal-UE għandha standards etiċi għoljin. Madankollu, biex iċ-ċittadini jkollhom iktar fiduċja fl-UE, iridu jkunu żguri li kemm il-politiċi kif ukoll il-persunal tal-UE qed jaħdmu biss fl-interess pubbliku. Ir-regoli fis-seħħ iridu jiżguraw li l-Kummissarji, kemm waqt it-terminu tal-



#8



Parlamento Europeo

.@EUombudsman: la Comisión debería revisar el código de conducta de los ex comisarios <http://bit.ly/2a5UK8M>



Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi l-Kodiċi ta' Kondotta għall-eks-Kummissarji.

mandat tagħhom kif ukoll wara, ma jpoġġux dan f'dubju. It-tħassib dwar ix-xogħol li għamli l-eks-Kummissarji deher fix-xogħol tal-Ombudsman fl-2016.

F'**deċiżjoni** f'Ġunju, l-Ombudsman sabet amministrazzjoni ħażina billi l-Kummissjoni 2009–2014 kienet naqset milli tittratta b'mod xieraq il-ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji minn eks-Kummissarju; u ma investigatx sewwa l-kompatibilità tal-kuntratt ta' xogħol tal-Kummissarju fis-settur privat mal-obbligi tat-Trattat tal-UE, minkejja tħassib imqajjem mill-Kumitat tal-Etika li jittratta dawn il-materji. L-Ombudsman appellat għal reviżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta biex ir-regoli tiegħu jsiru iktar espliċiti u iktar faċli biex jiġu implimentati u biex jinkludu sanzjonijiet għall-ksur tal-Kodiċi.

Il-merti li jiġi rriformat il-Kodiċi tpoġġew għad-diskussjoni darb'oħra meta eks-President tal-Kummissjoni ħa pożizzjoni bħala President mhux eżekuttiv fil-bank Goldman Sachs. Il-Kummissjoni ddikjarat li huwa ma kienx kiser il-Kodiċi, li jstipula perjodu ta' preklużjoni ta' 18-il xahar, iżda l-Ombudsman innotat li skont it-Trattat tal-UE, xi pożizzjonijiet jistgħu jibqgħu jkunu problematiċi anki wara li jkun skada l-perjodu ta' notifika ta' 18-il xahar. F'**ittra** lill-President Juncker, l-Ombudsman talbet lill-Kummissjoni biex tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat tal-Etika tal-Kummissjoni u biex tirrieżamina l-Kodiċi ta' Kondotta. Il-President Juncker **irrisponda** li huwa kien qiegħed ipoġġi l-materja quddiem il-Kumitat tal-Etika Ad Hoc. Dan il-Kumitat ikkonkluda li filwaqt li l-eks-President ma weriex "il-ġudizzju rispettuż li wieħed jistenna minn xi ħadd li kellu l-pożizzjoni għolja li okkupa għal ħafna snin", ma "kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex jiġi stabbilit ksur tal-kompitu ta' integrità u diskrezzjoni, imposti bl-Artikolu 245(2) tat-TFUE [It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea]". #8

Madankollu, il-President Juncker ippropona li jissikka l-Kodiċi billi jestendi l-perjodu ta' preklużjoni għal sentejn għall-eks-Kummissarji u għal tliet snin għall-eks-Presidenti tal-Kummissjoni.

Madankollu, il-President Juncker ippropona li jissikka l-Kodiċi billi jestendi l-perjodu ta' preklużjoni għal sentejn għall-eks-Kummissarji u għal tliet snin għall-eks-Presidenti tal-Kummissjoni. L-Ombudsman **laqgħet** il-proposta iżda tenniet it-twiddiba preċedenti li ż-żmien estiż mhux dejjem se jkun garanzija biżżejjed li l-Artikolu 245 ġie rispettata.

Jeħtieġ li jiġu applikati regoli etiċi robusti mal-istituzzjoni kollha u mhux biss għar-rappreżentanti politiċi tagħha. F'Settembru, l-Ombudsman għalqet **l-investigazzjoni** tagħha dwar kif il-Kummissjoni timplimenta r-regoli għall-persunal tal-UE li jirregolaw l-hekk imsejjaħ fenomenu tar-"revolving door" (bieb idur). Il-Kummissjoni diġà kienet ħadet passi pożittivi b'reazzjoni għas-suġġerimenti tal-Ombudsman. Meta għalqet l-investigazzjoni, l-Ombudsman ipproponiet xi passi oħra. Hija appellat lill-Kummissjoni biex tippubblika iktar dettalji, b'mod partikolari dwar il-valutazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħha meta tapprova talbiet minn uffiċjali għolja biex jaħdmu barra mill-Kummissjoni. Hija ssuġġeriet

ukoll li dawk li jivvalutaw l-applikazzjonijiet ta' persunal li jkun se jħalli s-servizz, jenħtieġ li ma jkollhomx rabtiet professjonali mal-persuna kkonċernata. L-Ombudsman se ssegwi din il-kwistjoni b'investigazzjoni strateġika biex tivvaluta kif jaħdmu r-regoli fil-prattika.

2.6 L-aġenziji tal-UE u korpi oħra

L-aġenziji tal-UE — li jittrattaw diversi kwistjonijiet li jvarjaw mid-drittijiet fundamentali għas-sigurtà u l-effikaċja tal-mediċini, il-ħarsien tal-ambjent, ir-riskji għas-saħħa u għall-ambjent ikkawżati minn sustanzi kimiċi u s-sigurtà tal-avjazzjoni — kienu t-tieni l-ikbar sors ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-Ombudsman fl-2016, wara l-Kummissjoni Ewropea.

Każ partikolari ewlieni, miftuħ fl-2014, ikkonċerna d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) li tagħti biss aċċess pubbliku parzjali għall-istudji dwar il-provi kliniċi relatati mal-approvazzjoni ta' Humira, mediċina użata fil-kura tal-marda ta' Crohn. F'Ġunju, l-Ombudsman [għalqet l-investigazzjoni](#), u laqgħet iż-żieda fit-trasparenza f'dan il-qasam. Madankollu, hija esprimiet tħassib dwar erba' biċċiet speċifiċi ta' informazzjoni li l-Aġenzija żammet għaliha. L-Ombudsman innotat li kwalunkwe informazzjoni klinika ta' valur għat-tobba, għall-pazjenti u għar-riċerkaturi, jenħtieġ li tiġi ddivulgata fl-interess tal-pubbliku. [g+ #2](#)

Fl-2015, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) qablet mal-proposta tal-Ombudsman dwar kif hija teħtieġ li dawk li jridu jirreġistraw xi prodotti, juru li ppruvaw jevitaw it-testijiet fuq l-annimali. Fl-2016, hija ħarġet b'informazzjoni ddettaljata dwar kif eżattament kienet qed tfittex li timplimenta l-proposta tal-Ombudsman. [Investigazzjoni](#) ġdida, miftuħa fl-2016, talbet kjarifiki dwar dikjarazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u l-ECHA dwar l-użu possibbli ta' testijiet fuq l-annimali, taħt ċerti kundizzjonijiet, għal sustanzi użati fil-kożmetiċi.

Kull sena, mijiet ta' persuni jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet biex jaħdmu f'korp tal-UE fi proċess imħaddem mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO). F'[każ](#) partikolari mressaq quddiem l-Ombudsman, l-ilmentatur applika għal kompetizzjoni tal-EPSO għar-reklutaġġ ta' interpreti tal-konferenzi. Hija tilfet l-iskadenza għall-applikazzjonijiet wara li kienet l-isptar għal żmien qasir u talbet lill-EPSO għal estensjoni tal-iskadenza. L-EPSO rrifjuta, billi argumenta li huwa jrid jittratta lill-applikanti kollha bl-istess mod. L-Ombudsman irrakkomandat li l-EPSO jirrikonoxxi li hemm sitwazzjonijiet ta' eċċezzjoni fejn, minħabba force majeure, ikun ġust li l-kandidati jingħataw skadenza ġdida. L-EPSO qabel li fil-futur jimplimenta

L-Ombudsman għalqet l-investigazzjoni, u laqgħet iż-żieda fit-trasparenza fl-istudji dwar il-provi kliniċi.

g+

#2

L-Ombudsman
Ewropew

[Stqarrija għall-Istampa]
L-Ombudsman tilqa' iż-żieda fit-trasparenza dwar Humira — iżda tappella għal iktar dwar waħda mill-mediċini li l-iktar tinbiegħ fid-dinja

L-Ombudsman Ewropew Emily O'Reilly, laqgħet iż-żieda fit-trasparenza fil-provi kliniċi ta' Humira, waħda mill-mediċini li l-iktar tinbiegħ fid-dinja, wara l-investigazzjoni tagħha dwar il-pubblikazzjoni tar-rapporti dwar l-istudji kliniċi. Iżda l-Ombudsman esprimiet ukoll tħassib dwar ċerti partijiet ta' **erba' rapporti dwar provi kliniċi speċifiċi ta' Humira li nżammu** mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini skont ir-raġunijiet iddikjarati ta' interess kummerċjali u talbet lill-EMA biex terġa' tikkunsidra dawn il-modifiki. L-Ombudsman qalet, "Kwalunkwe informazzjoni klinika ta' valur għat-tobba, għall-pazjenti u għar-riċerkaturi, trid tiġi ddivulgata fl-interess tal-pubbliku."



r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Ombudsman rigward l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-force majeure fil-kuntest tal-kompetizzjonijiet tal-EPPO.

2.7 Il-kuntratti u l-għotjiet tal-UE

L-ilmenti f'dan il-qasam ammontaw għal 14.5 fil-mija tat-total. Il-Kummissjoni tissorvelja numru kbir ta' proġetti ffinanzjati mill-UE. Hija tagħmel awditjar rigoruż biex tiżgura li l-flus pubbliċi jintefqu kif suppost. Madankollu, kultant dan iwassal għal tilwim dwar kif jiġu awditjati l-proġetti jew l-ammont ta' flus li potenzjalment jenħtieġ li jiġu rkuprati. F'dawn is-sitwazzjonijiet, ħafna drabi l-kuntratturi jirrikorru għand l-Ombudsman għal soluzzjoni.

Il-Kummissjoni sostniet li l-ilmentatur ma segwiex ir-regoli applikabbli tal-ftehim ta' kuntratt, iżda fid-dawl ta' ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, iddeċidiet li tirrinunzja l-irkupru ta' iktar minn EUR 86 000.

F'każ partikolari, l-ilmentatur, istitut tar-riċerka Pollakk, bejn l-2004 u l-2009, assumu numru ta' proġetti li kienu kofinanzjati mill-UE. Wara li temm il-proġetti b'suċċess, il-Kummissjoni awditjat tlieta minnhom, u ddeċidiet li tirkupra ċerti kostijiet. L-Ombudsman fetħet investigazzjoni u sabet li l-uffiċjal tal-proġett tal-Kummissjoni qabel bil-miktub (e-mail) mas-sottokuntrattar ta' xi servizzi — li sussegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirkupra l-kostijiet tagħhom — u għalhekk kien konxju ta' dan u awtorizza l-għoti tas-sottokuntratt lill-ilmentatur. Il-Kummissjoni sostniet li l-ilmentatur ma segwiex ir-regoli applikabbli tal-ftehim ta' kuntratt, iżda fid-dawl ta' ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, iddeċidiet li tirrinunzja l-irkupru ta' iktar minn EUR 86 000.

Istitut ta' riċerka bbażat fil-Kroazja ħa sehem fi proġett iffinanzjat mill-UE skont is-Seba' Programm Qafas għal Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku. Wara li awditu kixef xi irregolaritajiet, il-Kummissjoni fittxet li tirkupra ammont sostanzjali ta' fondi. L-istitut fetaħ ilment mal-Ombudsman, li sabet li s-sejbiet tal-awditur kienu bbażati fuq diversi inċertezzi. Billi l-kwistjoni l-iktar kruċjali f'idejha kienet id-determinazzjoni tad-data attwali tal-bidu tal-proġett, l-Ombudsman issuġġeriet li l-Kummissjoni jenħtieġ li tikkonsulta esperti biex jivverifika s-sejba tal-awditur jew tordna awditu tekniku. Il-Kummissjoni aċċettat il-proposta tal-Ombudsman.

Każ ulterjuri kkonċerna kif il-Kummissjoni awditjat proġett li għandu l-għan li jippreserva l-ilma fil-Marokk. L-ilmentatur, l-organizzazzjoni Franċiża mingħajr skop ta' qligħ Association pour la Participation et l'Action Régionale (APARE), li hija involuta fl-edukazzjoni ambjentali u l-ekoċittadinanza, ma qablitx mas-sejba tal-awditu mill-Kummissjoni — li kellu jwassal biex il-Kummissjoni tirkupra EUR 20 000 — u rrikorriet għand l-uffiċju tal-Ombudsman. Wara l-intervent tal-Ombudsman, il-Kummissjoni qablet li tnaqqas l-ammont li kellu jkun irkuprat bi kważi 75 %.

2.8 Sfidi futuri

Ix-xogħol tal-Ombudsman huwa mfassal mill-kuntest politiku usa'. Pereżempju, it-tħassib pubbliku mifrux dwar in-nuqqas ta' trasparenza tan-negozjati bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar is-Sħubija Transatlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) wassal lill-Ombudsman biex tiftaħ investigazzjoni strateġika fuq inizjattiva proprja dwar il-kwistjoni.

L-Ombudsman tospita wkoll avvenimenti biex tiddiskuti kwistjonijiet topiċi, bħal pereżempju **l-avveniment** ta' Ottubru dwar "It-Tħarbit tal-UE — Verità, Fatti u l-Midja Soċjali". Flimkien mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) u s-soċjetà ċivili, l-Ombudsman iddebattiet dwar kif l-UE tista' tiġi kkomunikata aħjar fi żmien ta' sfidi bla preċedent. Id-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-UE se ssawwar lill-Unjoni fl-2017 u lil hinn. Ftit wara l-vot, bdew jitqajmu kwistjonijiet li joħroġu mir-referendum dwar Brexit mal-uffiċċju tal-Ombudsman. Sal-aħħar tal-2016, l-Ombudsman kienet irċeviet ħames ilmenti li jinvolvu kwistjonijiet amministrattivi relatati ma' Brexit, bi tlieta minnhom jirrigwardaw l-aċċess għall-informazzjoni. [#9](#) [#10](#)



EU TTIP Team

We value @EUOmbudsman's positive feedback on our ongoing #TTIP transparency effort!

Aħna nivalutaw il-feedback pożittiv tal-Ombudsman Ewropew dwar l-isforzi kontinwi tagħna għat-trasparenza tat-TTIP!

Sal-aħħar tal-2016, l-Ombudsman kienet irċeviet ħames ilmenti li jinvolvu kwistjonijiet amministrattivi relatati ma' Brexit, bi tlieta minnhom jirrigwardaw l-aċċess għall-informazzjoni.



Ruairí McKiernan

important #Brexit contribution from @EUombudsman Emily O'Reilly <http://www.broadsheet.ie/2016/06/29/something-had-to-give/> ... via @TodaySOR @broadsheet_ie

Kontribut importanti dwar Brexit mill-Ombudsman Ewropew, Emily O'Reilly, fi *Broadsheet* permezz ta' Today (RTÉ Radio One).

Is-sena spiċċat fuq nota tajba bl-Ombudsman ikollha rwol sinifikanti fis-Summit Globali dwar **Sħubija ta' Gvern Miftuħ** (OGP) f'Pariġi f'Diċembru. L-Ombudsman appellat lill-UE



Avveniment tal-Ombudsman Ewropew: "It-Tħarbit tal-UE: Verità, Fatti u l-Midja Soċjali".



#12



Open Gov Partnership

.@EUombudsman: "EU could become a leading voice within OGP & encourage other institutions to take inspiration from its work" #OGP16



L-Ombudsman Ewropew tgħid: L-UE tista' ssir vuċi ewlenija fi ħdan is-Sħubija ta' Governanza Miftuħa u tinkoraġġixxi lil istituzzjonijiet oħrajn biex jieħdu ispirazzjoni mix-xogħol tagħha.

biex tieħu rwol iktar b'saħħtu fl-OGP. L-OGP hija inizjattiva multilaterali li għandha l-għan li tiżgura impenji konkreti mill-gvernijiet biex fost objettivi oħra, jippromwovu t-trasparenza, jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini u jiġġieldu l-korruzzjoni. F'dan il-kuntest, l-Ombudsman u l-OECD qed jaħdmu flimkien fuq stħarriġ dwar il-governanza miftuħa, biex jiġu identifikati modi ta' kif jiġi żgurat li l-ombudsmen ikollhom rwol ikbar fl-OGP. L-involvement tal-Ombudsman huwa li tippromwovi u tqassam l-istħarriġ fi ħdan in-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen u fi ħdan netwerks internazzjonali tal-Ombudsmen oħrajn. In-Netwerk se jiddiskuti r-riżultati preliminari tal-istħarriġ waqt il-konferenza tiegħu f'Ġunju 2017, u se jippubblika r-riżultati fl-aħħar tas-sena. #11 #12



#11



Aidan OSullivan

.@EUombudsman speaking at #OGP16 to close plenary session...



L-Ombudsman Ewropew titkellem waqt is-summit dwar is-Shubija ta' Governanza Miftuħa 2016 biex tagħlaq is-sessjoni plenarja.



Avveniment tal-Ombudsman Ewropew: "It-Tħarbit tal-UE: Verità, Fatti u l-Midja Soċjali".



Fl-insegwiment tal-mandat globali tal-uffiċċju tagħha li ttejjeb l-amministrazzjoni pubblika tal-UE u tagħmel l-azzjonijiet tagħha kemm jista' jkun faċli għaċ-ċittadin, f'Ottubru 2016 l-Ombudsman nediet sejħa għal nomini għal **Premju għal Amministrazzjoni Tajba**. Il-Premju għandu l-għan li jirrikonoxxi lill-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet, tal-aġenziji u tal-korpi tal-UE, li jippromwovu l-amministrazzjoni tajba waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Din hija inizjattiva pilota li tfittex li tidentifika l-aħjar Prattiki fl-amministrazzjoni tal-UE, u li jingħataw aktar attenzjoni mill-pubbliku.

L-Ombudsman għandha l-intenzjoni li turi dawn il-prattiki fl-amministrazzjoni tal-UE kollha. Il-kategoriji tal-premju jinkludu l-eċċellenza fit-trasparenza u l-etika, l-eċċellenza fil-komunikazzjoni u l-eċċellenza fil-provvista ta' servizz iffokat fuq iċ-ċittadin. Fl-2017, bl-appoġġ ta' kumitat konsultattiv, l-Ombudsman se tagħżel ir-rebbieħa u ssir ċerimonja fi Brussell. [g+ #3](#) [#13](#)



#13



Dana Manescu

#EOaward Nice initiative by @EUombudsman > <http://www.ombudsman.europa.eu/shortcuts/document.faces/en/72100/html.bookmark...>

& I have a long list of potential nominees in mind!

Inizjattiva sabiħa mill-Ombudsman Ewropew. Jiena għandi lista twila ta' nomini potenzjali f'moħħi!

Il-Premju għandu l-għan li jirrikonoxxi lill-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet, tal-aġenziji u tal-korpi tal-UE, li jippromwovu l-amministrazzjoni tajba waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

g+

#3

L-Ombudsman Ewropew

[Stqarrija għall-Istampa]

L-Ombudsman Ewropew Emily O'Reilly, qed tnedi **"Premju għal Amministrazzjoni Tajba"** fi ħdan l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE. Il-Premju, li huwa proġett pilota, ifittex li jirrikonoxxi lil dawk il-membri tal-persunal ordinarji li jgħibu standards għoljin ta' servizz pubbliku fix-xogħol tagħhom kemm bħala individwi kif ukoll bħala membri ta' tim. Dan jinkludi standards ta' etika għoljin, ta' trasparenza u ta' kontabilità.






Ir-referenzi mill-midja għall-ħidma tal-Ombudsman żdiedu kull sena mill-2012 u b'mod partikolari fl-2015 u fl-2016.

L-istrateġija tal-Ombudsman (“Lejn l-2019”) għandha l-għan li żżid l-impatt, ir-rilevanza u l-viżibilità tal-uffiċċju. Viżibilità akbar tgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jafu għand min jenħtieġ li jirrikorru jekk isibu xi problemi bl-istituzzjonijiet tal-UE.

Apparti l-komunikazzjoni speċifika mal-partijiet ikkonċernati bħal pereżempju n-negozji, l-assoċjazzjonijiet u l-NGOs, l-uffiċċju jipprova jgħolli l-profil tal-midja tal-Ombudsman u juża l-midja soċjali biex jikkomunika dwar każijiet speċifiċi; ixxerred il-kelma dwar proġetti ġodda; u jinforma regolarment dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman.

Numru ta’ referenzi mill-midja



Ir-referenzi mill-midja għall-ħidma tal-Ombudsman żdiedu kull sena mill-2012 u b'mod partikolari fl-2015 u fl-2016. Ħafna iktar nies qed isegwu l-ħidma tal-Ombudsman fuq Twitter, fejn il-kont tal-uffiċċju ra żieda ta’ 21 fil-mija fis-segwaċi tiegħu bejn l-2015 u l-2016. It-tweet l-iktar segwita kien fiha Infographic b’linji gwida dwar dak li l-uffiċċjali pubbliċi għandhom jew m’għandhomx jagħmlu meta jinteraġixxu ma’ rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interess. Tweets oħra popolari kienu jinkludu waħda b’Infographic dwar il-gruppi ta’ esperti, waħda b’vidjo li jħabbar il-Premju l-ġdid tal-Ombudsman għal Amministrazzjoni Tajba u waħda tħabbar it-tnedija ta’ konsultazzjoni pubblika dwar it-trasparenza tan-negozjati informali dwar il-liġijiet tal-UE (trilogi). [#14](#)


 #14  **European Ombudsman**

We've prepared a list of 'do's & dont's' for officials interacting with lobbyists. Have your say here: <http://bit.ly/2hofMVQ> #eulobbying

 **European Ombudsman**
Practical guidelines (draft)
 for public officials' interaction with interest representatives

<p>DO</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 Verify that interest representatives have registered in the EU (or equivalent national) Transparency Register before meeting them or accepting an invitation to an event. 2 Basic research to check what interests they represent and who is funding them. Ask for further information, if needed. 3 Request interest representatives to disclose, in writing and in advance, the meeting purpose, participants' names, the issue for discussion and any relevant background information. 4 Inform your hierarchy prior to meetings with interest representatives and debrief them afterwards. 5 Assess any risk of conflicts between your private interests and the public interest and how your interaction might be perceived. 6 Err on the side of caution. If in doubt, consult as appropriate and if you decide to go ahead, add a note to the file explaining. 7 Invite interest representatives to substantiate statements or presentations in writing after meetings or telephone calls. 8 Maintain good record keeping habits, including the meeting date/ location, names of participants and issues discussed. Remember that you should use your institution's official file management system. 9 Respect the applicable disclosure requirements, for example, at EU level, disclose details of meetings between interest representatives and Commissioners, Cabinet members and Commission Directors-General. 10 Report unacceptable lobbying practices. 	<p>DON'T</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 Meet interest representatives not registered in the EU (or equivalent national) Transparency Register without asking them to register. Make clear, if appropriate, that this is a prerequisite. 2 Overlook the motives of those who seek meetings or invite you to events. Lobbying can be done by a range of professions, including lawyers and consultants. 3 Accept any invitations to meetings or events which could put your institution in a delicate situation. 4 Interact with a particular interest representative without considering offering other groups a similar opportunity. 5 Arrange meetings outside office hours, official premises, and without the presence of another colleague. 6 Share information you are not authorised to share or misuse confidential information. 7 Do or say anything which could be viewed as granting an interest representative preferential treatment. 8 Give the impression to an interest representative that any particular advice, idea or information could or will be decisive in the decision-making process. 9 Accept hospitality from an interest representative without careful consideration and unless it is in line with the applicable rules. 10 Delay in disclosing information on any gifts and hospitality received.
---	---

Aħna ppreparajna lista ta' x'għandek u x'm'għandekx tagħmel għall-uffiċjali li jinteraġixxu mal-lobbisti. Agħti l-fehma tiegħek hawnhekk.

L-uffiċċju beda wkoll tiġdid tas-sit web tiegħu biex jagħmilha iktar faċli għall-utent — dan il-proġett mistenni li jitlesta fl-2017 — u jistaqsi b'mod regolari għal feedback mill-partijiet ikkonċernati dwar kif inhu perċepit ix-xogħol tal-uffiċċju u kif jista' jittejjeb.  #15

 #15  **European Ombudsman**

Strategic inquiry/
 #Commission's expert groups:
 @EUOmbudsman calls for more #transparency
<http://www.ombudsman.europa.eu/en/press/release.faces/en/63520/html.bookmark> ...

European Commission's Expert Groups

1. How many?
 800 expert groups in 2015
 6,000 experts involved in the system

2. Composition

30% National Administrations	30% Organisations
30% Individual Experts	

3. Make smart!

Research and Evaluation, Information Lobbying, Mutual Mutual, Stakeholder, Justice and Home Affairs, Others

4. The European Ombudsman's Recommendations

- 1 Greater transparency of expert group deliberations
- 2 Better conflict of interest policy
- 3 Link to Transparency Register
- 4 More balanced composition

Investigazzjoni strateġika dwar il-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni Ewropea: l-Ombudsman Ewropew tappella għal iktar trasparenza.



L-Ombudsman Ewropew tippreżenta r-*Rapport Annwali tal-2015* tagħha lill-President tal-Parlament Ewropew ta' dak iż-żmien, Martin Schulz.



L-Ombudsman reġgħet iltaqgħet mal-President Martin Schulz fl-2016, kif ukoll ma' numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew (MPE) mill-ispettru politiku kollu u mill-Ewropa kollha.

5.1 Il-Parlament Ewropew

L-Ombudsman Ewropew tapprezza ħafna r-relazzjoni li għandha mal-Parlament Ewropew. L-Ombudsman reġgħet iltaqgħet mal-President Martin Schulz fl-2016, kif ukoll ma' numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew (MPE) mill-ispettru politiku kollu u mill-Ewropa kollha. L-Ombudsman ikkondividiet ix-xogħol u l-esperjenza tagħha meta tkellmet quddiem il-Parlament fis-sessjoni plenarja, fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali. Il-persunal tal-Ombudsman jirrappreżenta b'mod frekwenti lill-istituzzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat, fis-smiġħ u fl-intergruppi parlamentari.

5.2 Kumitat għall-Petizzjonijiet

L-Ombudsman tapprezza ħafna l-kooperazzjoni b'saħħitha li għandha mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Id-djalogu kontinwu huwa meħtieġ biex jinqdedw ċittadini individwali li jqajmu t-tħassib tagħhom mal-uffiċċju tal-Ombudsman jew mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet. L-Ombudsman tindirizza lmenti kontra l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, filwaqt li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jindirizza petizzjonijiet dwar l-oqsma ta' attivitá tal-UE fl-Ewropa kollha. L-appoġġ

kontinwu li l-President tal-Kumitat, Cecilia Wikström, u l-Membri tal-Parlament Ewropew mill-gruppi politiċi kollha jagħtu lill-Ombudsman huwa apprezzat ħafna. Dan l-appoġġ huwa vitali għall-kapaċità tal-Ombudsman li tkompli tgħin lill-istituzzjonijiet tal-UE ħalli jstabbilixxu "l-istandard tad-deheb" għall-amministrazzjoni tajba. [#16](#)

5.3 Il-Kummissjoni Ewropea



Bħala l-eżekuttiv tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea għandha impatt dirett fuq il-ħajjiet ta' miljuni ta' Ewropej. Filwaqt li hija politika, hija wkoll l-ikbar korp amministrattiv tal-UE u għalhekk huwa naturali li parti kbira mill-ilmenti mal-Ombudsman jirrigwardaw ix-xogħol tal-Kummissjoni. L-Ombudsman faħħret lill-President Jean-Claude Juncker għar-relazzjoni ta' ħidma kostruttiva mal-uffiċċju tagħha u għall-passi pożittivi b'saħħithom lejn amministrazzjoni iktar miftuħa, għalkemm naturalment jibqa' jkun hemm sfidi. L-Ombudsman reġġet iltaqgħet mal-President Juncker fl-2016 kif ukoll ma' numru ta' Viċi Presidenti u ma' numru ta' Kummissarji. Hija ltaqgħet ukoll mad-Diretturi Ġenerali f'laqgħa organizzata mis-Segretarju Ġenerali. Il-kooperazzjoni mill-qrib fil-livell ta' servizz tiżgura li t-tħassib taċ-ċittadini jista' jkun indirizzat b'mod iktar effettiv. [#17](#)



#16



Cecilia Wikström(L)

Presenterar parlamentets årsrapport för @EUombudsman aktiviteter för det gångna året för @ALDEgroup I morgon röstar vi i plenum! #eupol



Il-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, Cecilia Wikström tgħid: Nippreżenta r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-Rapport Annwali tal-2015 tal-Ombudsman Ewropew lill-Grupp ALDE fil-Parlament Ewropew. Għada se nivvotaw fil-plenarja!

L-Ombudsman Ewropew fil-laqgħa mal-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker.

L-Ombudsman faħħret lill-President Jean-Claude Juncker għar-relazzjoni ta' ħidma kostruttiva mal-uffiċċju tagħha u għall-passi pożittivi b'saħħithom lejn amministrazzjoni iktar miftuħa, għalkemm naturalment jibqa' jkun hemm sfidi.



#17



EC AV Services

NEWS VIDEO: @MalmstromEU received Emily O'Reilly, @EUombudsman More: europa.eu/!Ry94um @Trade_EU



Il-Kummissarju Ewropew għall-Kummerċ, Cecilia Malmström, tilqa' lill-Ombudsman Ewropew, Emily O'Reilly.

L-uffiċċju jżomm ukoll relazzjonijiet mal-Kunsill tal-Ewropa bbażat fi Strasburgu.



#18



EU Disability Forum

we have to make sure that #UN #CRPD does not remain a wish list but generates a genuine impact on lives of all pwd in Europe - @EUombudsman

Irridu nkunu ċerti li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ma tibqax lista ta' xewqat iżda tiġġenera impatt ġenwin fuq il-ħajjiet tal-persuni kollha b'diżabilità fl-Ewropa.

5.4 Istituzzjonijiet, aġenziji u organizzazzjonijiet oħrajn

L-Ombudsman tibqa' żżomm relazzjonijiet mill-qrib ma' diversi istituzzjonijiet, aġenziji u organizzazzjonijiet oħrajn. Fl-2016, l-Ombudsman kellha kuntatt mill-qrib mal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investment, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. L-uffiċċju jżomm ukoll relazzjonijiet mal-Kunsill tal-Ewropa bbażat fi Strasburgu. Dawn ir-relazzjonijiet kollha huma parti integrali mill-Istrateġija tal-Ombudsman "Lejn l-2019", li għandha l-għan li żżid ir-rilevanza, il-viżibiltà u l-impatt tal-Ombudsman biex johlqoq amministrazzjoni tal-UE iktar miftuħa u orjentata lejn is-servizz għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

5.5 Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

Bħala membru tal-Qafas tal-UE, l-Ombudsman tippromwovi, tipproteġi u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-UE. Fl-2015, il-Kumitat ta' Esperti tal-UNCRPD irrieżamina l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-UE u ħareġ osservazzjonijiet konklużivi. Dawn kienu partikolarment

importanti fir-rigward tax-xogħol strateġiku tal-Ombudsman fl-2016 dwar il-UNCRRPD għaliex jindikaw in-nuqqasijiet possibbli fl-amministrazzjoni tal-UE. [#18](#) [#19](#)

Fl-2016, l-Ombudsman investigat ilment minn kandidat nieqes mis-smiġh u li ma ngħatax ħin addizzjonali biex jagħmel testijiet ta' selezzjoni f'kompetizzjoni tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO). L-Ombudsman għamlet konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li wriet li numru ta' Stati Membri jagħtu ħin addizzjonali lill-istudenti b'nuqqas ta' smiġh meta jagħmlu testijiet bil-miktub. Hija ssuġġeriet li l-EPSO għandu jerġa' jikkunsidra bir-reqqa jekk, f'każijiet futuri, jenħtieġx li jalloka ħin żejjed għal kandidati neqsin mis-smiġh li jitolbu dan waqt testijiet ibbażati fuq il-kompjuter u bil-miktub.

F'Mejju 2016, l-Ombudsman bdiet investigazzjoni dwar jekk ir-[Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard \(RKAM\)](#) tal-UE jikkonformax mal-UNCRRPD. Skont l-RKAM, meta tiġi rikonossuta marda serja, jingħata rimborż sħiħ tal-kostijiet mediċi. Għal dak ir-rikonossiment, irid jiġi sodisfatt il-kriterju tat-tnaqqis fl-istennija tal-għomor. L-Ombudsman ikkunsidrat li dan l-approċċ mediku għal diżabilità għandu mnejn mhuwiex konformi mal-UNCRRPD u staqsiet lill-Kummissjoni jekk kellhiex l-intenzjoni li tintroduċi kriterji separati għar-rimborż tal-kostijiet mediċi mill-RKAM għal persuni b'diżabilità. Fl-2017, din l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja.

Barra minn hekk, wara żewġ osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tal-UNCRRPD, l-Ombudsman segwiet żewġ inizjattivi strateġiċi. Hija kitbet lill-President tal-Kummissjoni dwar l-[aċċessibilità tas-siti web u l-ġhodod online li tiġġestixxi l-Kummissjoni](#) u lill-Viċi President ta' dak iż-żmien Kristalina Georgieva biex tistaqsi kif [l-Iskejjel Ewropej](#) qed jindirizzaw kwistjonijiet imqajma mill-Kumitat tal-UNCRRPD rigward l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni wiegħbet għaż-żewġ ittri. Hija nnotat li kienet qed toħloq preżenza waħdanija fuq l-internet għas-servizzi kollha tagħha u li wieħed mill-prinċipji sottostanti huwa li s-servizzi jsiru aċċessibbli għall-ikbar numru ta' nies possibbli. Rigward l-Iskejjel Ewropej, il-Kummissjoni qalet li hija tappoġġja t-tentattivi sistemiċi kollha biex jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet tal-UNCRRPD u nnotat li l-politika dwar il-ħtiġijiet ta' Edukazzjoni Speċjali tal-Iskejjel Ewropej hija vvalutata b'mod regolari.

Matul l-2016, l-uffiċċju tal-Ombudsman fittex li jagħmel is-sit web tiegħu iktar aċċessibbli u faċli għall-utent. [Spjegazzjoni faċli li tinqara dwar ix-xogħol tal-Ombudsman u kif jitressaq ilment](#) hija disponibbli online fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Barra minn hekk, fornitur ta' servizz estern qed jivvaluta s-sit web tal-Ombudsman biex jiddetermina modi kif tittejjeb l-aċċessibilità tiegħu għall-persuni b'diżabilità.

L-Ombudsman għamlet konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li wriet li numru ta' Stati Membri jagħtu ħin addizzjonali lill-istudenti b'nuqqas ta' smiġh meta jagħmlu testijiet bil-miktub.



#19



EU Social


We are all on the same page on avoiding problems w/ use of [#ESIFunds](#) & institutionalization, says [@EUombudsman](#)'s Rosita Hickey at [#EDPD2016](#)



Waqt il-Ġurnata Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità 2016, Rosita Hickey mill-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew qalet, li aħna kollha għandna l-istess fehma fir-rigward tal-evitar ta' problemi bl-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-istituzzjonalizzazzjoni.



Ilmenti trasferiti lejn istituzzjonijiet u korpi oħrajn; ilmentaturi avżati sabieħ jikkuntattjaw istituzzjonijiet u korpi oħrajn mill-Ombudsman Ewropew fl-2016.



Nota: Billi f'ċerti każijiet l-Ombudsman tat aktar minn tip ta' parir wieħed lill-ilmentatur, il-perċentwali t'hawn fuq jammontaw għal total ta' aktar minn 100 %.

Fl-2016, l-Ombudsman Ewropew, flimkien ma' membri tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen (ENO), bdew riforma tan-Netwerk. L-ENO issa jinkludi 96 uffiċċju f'36 pajjiż Ewropew. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew huwa wkoll membru tan-Netwerk.

Waħda mill-bidliet strateġiċi fi ħdan l-ENO hija li jiżdied il-fokus fuq l-investigazzjonijiet u l-inizjattivi paralleli fost l-uffiċċji tal-ombudsman interessati f'oqsma ta' interess reċiproku, bħal pereżempju l-migrazzjoni. Fl-2016, l-Ombudsman u n-Netwerk wettqu investigazzjoni parallela waħda u nedew inizjattiva strateġika waħda li ħa sehem fiha n-Netwerk. F'April 2016, l-Ombudsman nediet investigazzjoni dwar ilment li jikkonċerna r-rwol tal-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-konformità ta' Stat Membru mar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-UE dwar id-drittijiet ċivili u l-ħarsien tal-ambjent meta jkunu qed jiġu ffinanzjati l-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (ECAs). L-ECAs huma istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi jew privati

li joffru finanzjament lil kumpaniji domestiċi li qed ifittxu li jagħmlu n-negozju, l-iktar f'pajjiżi li huma politikament u kummerċjalment riskjużi u fi swieq emerġenti. Tnejn mis-sitt ombudsmen nazzjonali, (il-Polonja u Spanja) li l-mandat tagħhom ikopri l-ECAs, irrispondew għall-istedina tal-Ombudsman biex iniedu investigazzjonijiet paralleli.

L-inizjattiva strateġika kkonċernat il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) tal-UE. B'baġit ta' EUR 3 biljuni, il-Fond ikopri l-perjodu 2014–2020.

L-Ombudsman staqsiet lill-Kummissjoni u lin-Netwerk dwar jekk l-informazzjoni kollha relatata mal-AMIF kinitx online. Hija staqsiet ukoll lin-Netwerk dwar jekk l-użu tal-flus fl-Istati Membri kienx f'konformità mad-drittijiet fundamentali. Tlettax-il membru rrispondew. L-investigazzjoni rriżultat fis-segwitu tal-Kummissjoni Ewropea mal-Istati Membri biex tiżgura li d-dettalji kollha tal-programmi tal-AMIF nazzjonali jkunu ppubblikati online.

Barra minn hekk, fl-2016 l-investigazzjoni fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman li saret iktar kmieni rigward il-Frontex ġabet riżultati konkreti b'tali mod li l-Aġenzija stabbilixxiet mekkaniżmu għall-ilmenti li kien rakkomandat mill-Ombudsman. F'Diċembru, l-Uffiċjal tal-Frontex għad-Drittijiet Fundamentali, ir-rappreżentanti tal-Ombudsman Ewropew, tal-ombudsmen u tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ltaqgħu fi Brussell biex jiddiskutu l-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-Frontex.

F'eżempju ieħor ta' kooperazzjoni tematika, l-Ombudsman ikkonsultat lin-Netwerk biex issir taf iktar dwar kif l-Istati Membri jirregolaw it-trasparenza fil-lobbjar u biex tiddetermina l-bżonn għal gwida prattika għall-uffiċjali pubbliċi f'dan il-qasam. It-tweġibiet urew nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw il-lobbjar, flimkien ma' nuqqas ta' gwida prattika

L-investigazzjoni rriżultat fis-segwitu tal-Kummissjoni Ewropea mal-Istati Membri biex tiżgura li d-dettalji kollha tal-programmi tal-AMIF nazzjonali jkunu ppubblikati online.



Il-konferenza annwali tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen fi Brussell.

Il-konferenza trattat temi topiċi bħar-reazzjoni għall-kriżi tal-migrazzjoni tal-Ewropa, il-promozzjoni tat-trasparenza fil-lobbjar bħala rekwiżit ta' amministrazzjoni tajba u l-isfidi għall-istat tad-dritt.

g+

#4

L-Ombudsman Ewropew

[Pubblikazzjoni] Network in Focus

Aħna ppubblikajna l-ewwel ħarġa ta' **Network in Focus**, il-bullettin annwali tan-**Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen (ENO)**. It-temi ewlenin jinkludu:

- Ir-rispons tal-Ewropa għall-kriżi tar-refuġjati
- It-trasparenza fil-lobbjar bħala mezz għall-promozzjoni tal-amministrazzjoni tajba
- L-istat tad-dritt fl-UE.

Il-pubblikazzjoni sħiħa tista' titniżżel bl-ES, DE, EN, FR jew IT minn: <https://www.ombudsman.europa.eu/en/activities/network-publications.faces>

European Network of Ombudsmen

Network in Focus 2016

Responding to Europe's migration crisis
Promoting lobbying transparency as good administration
Challenges to the rule of law in the EU



għall-uffiċjali pubbliċi, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Imbagħad, l-Ombudsman ipproduċiet abbozz ta' linji gwida prattiċi u fittxet feedback mill-membri tan-Netwerk u mill-pubbliku. Hija għandha l-għan li tippreżenta l-verżjoni finali tal-linji gwida fl-2017 bl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE.

L-avveniment ewlieni tan-Netwerk fl-2016 kienet l-ewwel konferenza annwali, li saret fi Brussell f'Ġunju u organizzata mill-Ombudsman Ewropew. Din il-konferenza laqqgħet flimkien in-Netwerk kollu u kienet miftuħa għal min mhux membru, bħal pereżempju l-gruppi umbrella bbażati fi Brussell u l-għurnalisti. Kien hemm total ta' 250 persuna li pparteċipaw f'dan l-avveniment interattiv ħafna. Din trattat temi topiċi bħar-reazzjoni għall-kriżi tal-migrazzjoni tal-Ewropa, il-promozzjoni tat-trasparenza fil-lobbjar bħala rekwiżit ta' amministrazzjoni tajba u l-isfidi għall-istat tad-dritt. Fl-aħħar tal-konferenza kien hemm il-produzzjoni ta' *Fokus fuq in-Netwerk*, publikazzjoni annwali tal-ENO dwar it-temi ewlenin diskussi waqt l-avveniment. [g+ #4](#)

Fl-aħħar ta' Novembru 2016, l-Ombudsman marret Madrid biex tiltaqa' mal-Ombudsman Spanjol, Soledad Becerril Bustamante, u t-tim tagħha u mal-Kunsill tat-Trasparenza Spanjol, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mar-rappreżentanti tan-negozju, mad-diplomatiċi, mal-għurnalisti u oħrajn. Filwaqt li l-għadd ta' lmenti minn Spanja huwa tradizzjonalment għoli, l-għan taż-żjara kien li tkompli titqajjem sensibilizzazzjoni fi Spanja dwar dak li l-Ombudsman Ewropew tista' tagħmel b'mod konkret għaċ-ċittadini u n-negozji Spanjoli. [#20](#)



#20



Gundi Gadesmann

Erosion of EU's founding values in several Member States are great cause of concern [@EUombudsman](#) [@NewEconomyForum](#)



It-tnaqqir tal-valuri fundaturi tal-UE f'diversi Stati Membri huwa ta' tħassib serju.

Minn mindu n-Netwerk ġie riorganizzat, l-Ombudsman irreġistra iktar domandi minn membri tal-ENO li jfittxu għajjnuna fl-interpretazzjoni ta' kwistjonijiet kumplessi relatati mal-liġi tal-Unjoni. Bi proċedura tad-domandi iktar mgħaġġla, fl-2016, l-Ombudsman trattat tmien każijiet. Il-kwistjonijiet imqajma inkludew ir-rimborż ta' ċerti spejjeż u ħlasijiet mediċi transkonfinali skont il-fondi Ewropej għall-iżvilupp agrikolu.



Minn mindu n-Netwerk ġie riorganizzat, l-Ombudsman irreġistra iktar domandi minn membri tal-ENO li jfittxu għajjnuna fl-interpretazzjoni ta' kwistjonijiet kumplessi relatati mal-liġi tal-Unjoni.

L-Ombudsman Ewropew f'intervista fuq il-kanal tat-TV Spanjol TVE f'Madrid.

Fl-2016, in-Netwerk ingħata l-istat ta' membru ex officio tal-Forum Konsultattiv tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO), u l-Ombudsman Grieg irrappreżenta lin-Netwerk fid-deliberazzjonijiet tal-Forum f'Novembru f'Ateni. L-inizjattivi l-iktar prominenti li probabbli li se jkun qed jaħdem fuqhom l-ENO fis-snin li ġejjin huma: il-parteċipazzjoni fil-Forum Konsultattiv tal-EASO; il-provvista ta' għarfien espert dwar il-proċeduri tal-asil lill-Parlament Ewropew fl-adozzjoni tiegħu ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil ġdida; u t-twaqqif ta' pjattaforma komuni dwar kif jiġu trattati l-"ilmenti dwar Brexit" minn ċittadini tal-UE li jgħixu fir-Renju Unit u viċi versa. In-Netwerk għandu jkun involut ukoll fit-twaqqif tal-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-EASO li jmiss.

 #21



#21



Parlamento Europeo

Emily O'Reilly
@EUombudsman de visita en Madrid bit.ly/2glTw5o



L-Ombudsman Ewropew, Emily O'Reilly f'Madrid.



L-Ombudsman Ewropew fi skambju ta' fehmiet mal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew.



L-Ombudsman Ewropew qiegħda hemm biex tassisti liċ-ċittadini, lill-kumpaniji, lill-assoċjazzjonijiet, lill-NGOs u lil organizzazzjonijiet oħrajn, u jenħtieġ li jkun kemm jista' jkun faċli għalihom li jaċċessaw lill-Ombudsman u jfittxu din l-għajnuna. Fl-2016, l-Ombudsman aġġornat il-proċeduri tagħha għall-ġestjoni ta' każijiet wara konsultazzjonijiet estensivi interni kif ukoll esterni. Dan huwa parti mill-istrateġija biex l-investigazzjonijiet isiru iktar effettivi u jkollhom impatt ikbar fuq numru ikbar ta' ċittadini.

L-Ombudsman tagħmel ukoll enfasi fuq it-twettiq ta' investigazzjonijiet strateġiċi li huma fl-interess pubbliku. Hija tagħmel investigazzjonijiet strateġiċi usa' meta tikkunsidra li hemm raġunijiet biex tagħmel dan, għalkemm il-parti prinċipali tax-xogħol tagħha jibqgħu l-każijiet ibbażati fuq ilment.

Id-dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni l-ġodda tal-Ombudsman jagħmlu l-proċedura iktar effiċjenti u effettiva għal dawk li jkunu qed ifittxu l-għajnuna.

Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni l-ġodda tal-Ombudsman jagħmlu l-proċedura iktar effiċjenti u effettiva għal dawk li jkunu qed ifittxu l-għajnuna. Billi tintroduċi approċċ iktar flessibbli għat-trattament tal-ilmenti, il-proċedura l-għdida timmira wkoll li tiżgura approċċ aktar orjentat lejn ir-riżultati u b'sens komun akbar għall-investigazzjonijiet.




8.1 Ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti u l-inkjesti strateġiċi

Pariri, ilmenti u investigazzjonijiet fl-2016

15 797

Ċittadini li ngħataw l-għajjnuna mill-Ombudsman Ewropew fl-2016



12 646

Parir mogħti permezz tal-Gwida Interattiva fuq is-sit web tal-Ombudsman

1 880

L-ilmenti trattati fl-2016

1 271

Talbiet għal informazzjoni mwieġba mill-Ombudsman

245

Investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman Ewropew fl-2016



235


Investigazzjonijiet miftuħa fuq il-bażi tal-ilmenti

10

Investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja miftuħa

291

Investigazzjonijiet konklużi mill-Ombudsman Ewropew fl-2016



278

Investigazzjonijiet ibbażati fuq l-ilmenti magħluqa


13

Investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja magħluqa



L-Ombudsman Ewropew ilha ttejjeb il-metodi ta' ħidma tagħha biex tagħmilhom iktar effiċjenti u jkollhom impatt ikbar fuq numru ikbar ta' ċittadini. Għal dan il-għan, fl-2016 hija introduċiet proċedura simplifikata ġdida għat-trattament ta' każijiet, b'iktar flessibilità u b'approċċ iktar prammatiku għall-investigazzjonijiet. Barra minn hekk, bħal fil-passat, każijiet ibbażati fuq ilment b'konteut simili jistgħu jkunu trattati b'mod kollettiv bħala inkjesti strateġiċi. Eżempju ta' dan l-approċċ huwa l-investigazzjoni dwar ir-rwol tal-konsulenti speċjali li tuża l-Kummissjoni Ewropea. Dan l-approċċ strateġiku proattiv kważi ċertament li antiċipa lmenti individwali oħra.

Xogħol strateġiku fl-2016



4

Investigazzjonijiet strateġiċi miftuħa fl-2016

eż. Il-prattiki tal-Kummissjoni biex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess possibbli tal-konsulenti speċjali; l-ittardjar fl-ittestjar tas-sustanzi kimiċi; il-mod kif il-Kummissjoni tittratta l-ilmenti dwar ksur skont l-iskema pilota tal-UE.

5

Investigazzjonijiet strateġiċi magħluqa fl-2016

eż. It-trasparenza tat-Trilogi, l-aċċess għal rapporti dwar l-istudji kliniċi relatati mal-prodott mediċinali Humira (EMA); il-proċeduri tal-EPPO biex jittratta talbiet għal rieżami; l-iskedi taż-żmien għall-filasijiet mill-Kummissjoni.


10

Inizjattivi strateġiċi miftuħa fl-2016

(talbiet għal kjarifika, mhux investigazzjonijiet formali)

eż. Il-mossa ta' revolving door (bieb idur) mill-eks-President tal-Kummissjoni; it-trasparenza tal-Grupp tal-Euro; it-trasparenza u l-prevenzjoni tal-kunflitt ta' interess fil-BEL; it-trasparenza tal-Proċess ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni Superviżorji tal-BĊE; l-aċċessibilità tas-siti web tal-Kummissjoni għal persuni b'diżabilità.

L-oriġini nazzjonali ta' lmenti reġistrati u investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman Ewropew fl-2016





8.2 Ilmenti barra mill-mandat tal-Ombudsman

L-Ombudsman Ewropew irċeviet ħafna lmenti dwar kwistjonijiet li ma jaqgħux fi ħdan il-mandat tagħha, l-aktar għaliex ma jirrigwardawx il-ħidma ta' istituzzjoni jew korp tal-UE. L-ilmenti li jinvolvu lill-istituzzjonijiet tal-UE iżda jirrigwardaw kwistjonijiet purament politiċi, bħal pereżempju l-leġiżlazzjoni jew l-attività ġudizzjarja tal-Qorti, ma jaqgħux lanqas taħt il-mandat tal-Ombudsman.


Billi dawn l-ilmenti mhumiex il-ħidma ewlenija tal-Ombudsman, l-uffiċċju jirreġistra biss informazzjoni limitata dwarhom. Dawn huma prinċipalment kontra korpi pubbliċi nazzjonali, qrati nazzjonali jew internazzjonali, u firxa ta' entitajiet privati. Xi drabi l-ilmenti huma bbażati fuq il-kunċett żbaljat li l-Ombudsman huwa korp tal-appelli fuq l-ombudsmen nazzjonali. L-ilmenti jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma. It-temi rikorrenti huma l-protezzjoni tal-konsumatur, it-tassazzjoni, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa, u fis-snin reċenti, kwistjonijiet relatati mal-banek.

L-uffiċċju jittratta l-ilmenti barra mill-mandat b'attenzjoni kbira, billi meta jkun possibbli jagħti parir jew jittrasferihom lil korpi oħra li jkunu jistgħu jgħinu.

L-uffiċċju jittratta l-ilmenti b'attenzjoni kbira, billi meta jkun possibbli jagħti parir jew jittrasferihom lil korpi oħra li jkunu jistgħu jgħinu. Għal ilmenti li jesprimu skuntentizza bil-leġiżlazzjoni tal-UE, ġeneralment l-Ombudsman tagħti parir lill-ilmentatur biex jirrikorri għand il-Parlament Ewropew. Għal kwistjonijiet kumplessi marbuta mal-implimentazzjoni, l-ilmentaturi jingħataw il-parir jirrikorru għand il-Kummissjoni Ewropea jew għand netwerks tal-UE bħal pereżempju s-SOLVIT jew il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek. L-ilmentatur jista' jiġi riferut ukoll għand ombudsman nazzjonali. Fost l-eżempji tal-2016 insibu riferimenti għand l-Ombudsman Portugiż fir-rigward tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-tniġġis akustiku, għand l-Ombudsman Federali Belġjan dwar kwistjonijiet dwar il-pensjoni u għand l-Ombudsman Pollakk u dak Rumun dwar kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet fil-ħabs.

L-Uffiċċju jipprova jnaqqas in-numru ta' każijiet li huma barra mill-mandat tal-Ombudsman. Dan biex jiġi evitat li ċ-ċittadini jkunu diżappuntati għaliex ma jistgħux jirċievu għajjnuna direttament mill-Ombudsman. Fl-2016, in-numru niżel għal-livell rekord ta' 1 169 (1 239 fis-sena preċedenti), riżultat li kien miksub l-aktar permezz ta' komunikazzjoni effettiva dwar il-ħidma tal-uffiċċju u l-Gwida Interattiva fuq is-sit web tiegħu.


Numru ta' Imenti 2003–2016





Kapitolu 9 Kontra min?


L-investigazzjonijiet li saru mill-Ombudsman Ewropew fl-2016 ikkonċernaw l-istituzzjonijiet li ġejjin





Kapitolu 10 Dwar xiex?


Suġġetti tal-investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2016




Nota: F'xi każijiet, l-Ombudsman għalqet investigazzjonijiet b'żewġ suġġetti jew aktar. Għalhekk meta l-perċentwali t'hawn fuq jingħaddu flimkien, ir-risultat aħħari jaqbeż il-100%.




Azzjoni meħuda mill-Ombudsman Ewropew dwar l-ilmenti riċevuti fl-2016




Parir mogħti jew każ trasferit lil korp ta' lmenti ieħor



Tweġiba mibgħuta sabiex tgħarraf lill-ilmentatur li ma setgħux jingħataw pariri ulterjuri




Investigazzjoni miftuħa




Deċiżjoni dwar l-Ammissibilità

Investigazzjonijiet fejn instabet amministrazzjoni ħażina mill-Ombudsman Ewropew fl-2016




Rimarki kritiċi indirizzati lill-istituzzjoni




Rakkomandazzjonijiet aċċettati b'mod sħiħ jew parzjali mill-istituzzjoni

Evoluzzjoni fin-numru ta' investigazzjonijiet mill-Ombudsman Ewropew




Riżultati ta' investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew 2016



Nota: F'xi każijiet, l-Ombudsman għalqet l-investigazzjonijiet abbażi ta' żewġ raġunijiet jew aktar. Għalhekk meta l-perċentwali ta' hawn fuq jingħaddu flimkien, ir-riżultat aħħari jaqbeż il-100%.




Tul tal-investigazzjoni ta' każijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2016



¹ Xi każijiet kumplessi jirrikjedu bosta sensiliet ta' konsultazzjonijiet mal-ilmentatur u mal-istituzzjoni kkonċernata: id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni l-ġodda huma mistennija li jnaqqsu t-tul tal-investigazzjonijiet.



Konformità mal-proposti tal-Ombudsman Ewropew fl-2015



Għal dawn l-aħħar ħames snin, l-Ombudsman ippubblika rendikont komprensiv annwali ta' kif l-istituzzjonijiet tal-UE jwieġbu għall-proposti tal-Ombudsman sabiex itejbu l-amministrazzjoni tal-UE. Dawn il-proposti jieħdu l-forma ta' soluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet, u rimarki kritiċi u oħrajn. Ir-rata ta' konformità hija essenzjali sabiex jitkejjel l-impatt u r-rilevanza tal-ħidma tal-Ombudsman.

Ir-rapport *Putting it Right? – How the EU institutions responded to the Ombudsman in 2015* (Jitqiegħed Tajjeb?– Il-mod kif l-istituzzjonijiet Ewropej wieġbu lill-Ombudsman fl-2015) juri li l-istituzzjonijiet tal-UE kkonformaw mal-proposti tal-Ombudsman b'rata ta' 83 %, it-tieni l-ogħla s'issa. Mit-18-il istituzzjoni eżaminati, 12 ġabu punteġġ ta' 100 % filwaqt li l-Kummissjoni – li tammonta għall-ikbar proporzjon ta' investigazzjonijiet li tagħmel l-Ombudsman – ġabet punteġġ ta' 82 %. Kif juri r-rapport, ir-rata ta' konformità tista' tvarja b'mod sinifikanti minn istituzzjoni għal oħra – minn 100 % f'xi każijiet, sa 33 % fl-aġhar każ. Pereżempju, il-Parlament Ewropew, il-Frontex u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), ikkonformaw bir-rata ta' 100 %.

Ir-rapport għall-2016 se jkun disponibbli fl-aħħar tal-2017.



13.1 Baġit

Il-baġit tal-Ombudsman huwa taqsima indipendenti tal-baġit tal-UE. Huwa maqsum fi tliet titoli. It-Titolu 1 ikopri salarji, allowances, u nfiq ieħor relatat mal-persunal. It-Titolu 2 ikopri bini, għamara, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju. It-Titolu 3 jinkludi l-infiq li jirriżulta mill-funzjonijiet ġenerali mwettqa mill-istituzzjoni. Fl-2016, l-appropriazzjonijiet ibbaġitjati ammontaw għal EUR 10 658 951.

Bil-għan li jiżgura l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi, l-awditur intern tal-Ombudsman iwettaq verifiki regolari tas-sistemi ta' kontroll intern tal-istituzzjoni u tal-operazzjonijiet finanzjarji mwettqa mill-uffiċċju. Kif inhu l-każ ta' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, l-istituzzjoni tal-Ombudsman tiġi vverifikata wkoll mill-Qorti Ewropew tal-Awdituri.



Il-persunal tal-Ombudsman Ewropew.

13.2 Użu tar-riżorsi

Kull sena, l-Ombudsman jadotta [Pjan ta' Ġestjoni Annwali \(AMP\)](#), li jidentifika azzjonijiet konkreti li l-uffiċċju jeħtieġ li jieħu sabiex jimplimenta l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-istituzzjoni. L-AMP għall-2016 huwa t-tieni wieħed ibbażat fuq l-Istrateġija tal-Ombudsman Ewropew – "[Lejn l-2019](#)".

L-istituzzjoni għandha persunal multilingwi u bi kwalifiki għoljin. Dan jiżgura li hija tkun tista' tindirizza lmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE u biex tqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-ħidma tal-Ombudsman. Fl-2016, l-Ombudsman kellu persunal ta' 75.

Lista sħiħa u aġġornata regolarment tal-persunal, inkluża informazzjoni dettaljata dwar l-istruttura tal-uffiċċju tal-Ombudsman u l-kompiti ta' kull taqsima, hija disponibbli fuq [is-sit web tal-Ombudsman](#).



Kif tikkuntattja lill-Ombudsman Ewropew

Bil-posta

Ombudsman Ewropew
1 avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
F - 67001 Strasbourg Cedex

Bit-telefon

+33 (0)3 88 17 23 13

B'ittra elettronika

eo@ombudsman.europa.eu

Online

Sit elettroniku: www.ombudsman.europa.eu
Twitter: twitter.com/EUombudsman
Google+: plus.google.com/101520878267293271723
LinkedIn: www.linkedin.com/company/272026
YouTube: www.youtube.com/eotubes

Dan ir-*Rapport Annwali* huwa ppubblikat fuq l-internet fuq:
www.ombudsman.europa.eu

© Unjoni Ewropea, 2017

Ir-ritratti u l-stampi huma kollha © Unjoni Ewropea, minbarra il-qoxra (© Konstantin Faraktinov/Stocklib).

Ir-riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija awtorizzata, sakemm is-sors jiġi rikonoxxut.

Miktub fi FrutigerNext u Palatino.

Print	ISBN 978-92-9212-903-3	ISSN 1725-9762	doi:10.2869/28030	QK-AA-17-001-MT-C
PDF	ISBN 978-92-9212-937-8	ISSN 1830-6926	doi:10.2869/815585	QK-AA-17-001-MT-N

Jekk inti teħtieġ verżjoni stampata kbira ta' din il-pubblikazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja l-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew.

